MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2004

Numru 710/2003

**Il-Pulizija**

**(Spettur Stephen Micallef)**

**vs**

**CLIFTON SCIBERRAS**

**Illum 18 ta Mejju, 2004**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Clifton Sciberras** ta' 21 sena, bin Raymond u Carmen *nee'* Caruana, mwieled Pieta' fil-15 ta' Jannar, 1982, residenti 80, Triq Hal Gharghur, B'Kara, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 60182M;

Fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana nakkuzawk talli fid-29 t'Ottubru, 2001, u/jew f'xi data qabel din xjentement kellek fil-pussess tieghek u/jew taht il-kontroll tieghek Digital Satellite Receiver DSB 2200 tal-marka Echostar.
L-importazzjoni ta' l-oggett hawn fuq imsemmi hija projbita u/jew ristretta. Dan ghandu valur ta' Lm85.87 u dazju ta' Lm6.16, liema dazju ma giex imhallas u/jew kawtellat.

Fuq talba tal-Kummissarju tal-VAT nakkuzawk talli fid-29 t'Ottubru, 2001, u/jew f'xi data qabel din xjentement kellek fil-pussess tieghek u/jew taht il-kontroll tieghek Digital Satellite Receiver DSB 2200 tal-marka Echostar.
L-importazzjoni ta' l-oggett hawn fuq imsemmi hija projbita u/jew ristretta. Dan ghandu valur ta' Lm91.73 u fuqu kellha tithallas Taxxa fuq il-Valur Mizjud, liema taxxa tammonta ghal Lm13.76, liema taxxa ma gietx imhallsa u/jew kawtellata.

Nakkuzak wkoll talli fl-istess zmien gewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, fi zmien meta kont impjegat mal-Kumpanija Air Malta kkommettejt serq ta' Digital Satellite Receiver DSB 2200 tal-marka Echostar, liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna.

Nakkuzak wkoll talli fl-istess zmien ilqajt ghandek jew xtrajt hwejjeg misruqa , mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun indhalt biex tbieghhom jew tmexxiehom.

Rat il-kunsens tal-avukat generali datat 10 ta' Settembru 2003 skond l-artikolu 370 (4) tal-Kap 9 sabiex il-kaz kontra l-imputat ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja u n-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat ghall-istess procedura;

Rat it-talba tal-kontrollur tad-Dwana u tal-Kummissarju tal-VAT sabiex il-Pulizija tipprocedi kontra l-imputat debitament ikkonfermati bil-gurament;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti semghet kif waqt li kienet qed issir tfittxija mill-Pulizija fil-lockers tal-haddiema tal-Air Malta ghall-mobile phone rappurtat misruq, fil-locker ta' certu Anthony Callus instab digital satellite receiver. Callus, li jahdem bhala loader mal-kumpanija Air Malta, qal li huwa inghata ir-receiver minn haddiem iehor li ma kienx jaf x'jismu. Il-Pulizija waslet ghall-imputat odjern meta Callus indikah minn ritratt;

Illi Anthony Callus hu akkuzat bl-istess rejat quddiem il-Qorti diversament preseduta u ghalhekk jitqies li hu koplici fi-kommissjoni tar-rejat. Bhala komplici, il-verzjoni tieghu jehtigilha l-korroborazzjoni ta' xhieda ohra biex tkun tista' tifforma parti minn dawn il-proceduri u inoltre jirrizulta illi l-kawza kontra Anthony Callus kienet ghadha mhix deciza meta offra x-xhieda tieghu f'din il-kawza. Ghalhekk tirrizulta' l-inammissibilita' tad-deposizzjoni tieghu ghal fini ta' din il-kawza;

L-imputat irrilaxxja stqarrija fejn kien ammetta li l-kaxxa kontenenti r-receiver kien hadha mill-cargo shed ta' l-Air Malta izda wara irregistra affidavit fejn innega dak li kien ammetta fl-istqarrija;

Mill-assjem tal-provi jirrizulta illi l-imputat kien identifikat mill-photo files tal-Kumanija Air Malta. Dan identifikah persuna, u cioe Anthony Callus, li huwa imputat bl-istess akkuzi quddiem din il-Qorti diversament preseduta. PS 1361 xehed illi meta kien qed jaghmel it-tfittxija ghal-mobile phone kif fuq imsemmi, deherlu li meta ra lill-Callus innotah kien qed jipprova jisgicca. Inoltre, PC 1361 xehed illi meta skopra id-decoder fil-locker ta' Callus dan qallu biex jghalaq ghajnejh u ma jirrapurtahx.

Illi mill-ezami tal-provi din il-Qorti ma tara ebda konnessjoni bejn l-oggett mertu tar-rejat u l-imputat u tqis illi l-prosekuzzjoni ma ppruvat l-ebda tali konessjoni wisq anqas li kien l-imputat li ikkommetta r-rejati addebitati lilu.

Ghal dawn il-mottivi ma ssibux hati u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------